

Brussell, 18 ta' April 2024
(OR. en)

8593/24

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0046(COD)

CODEC 1020
FRONT 113
IXIM 102
VISA 48
SIRIS 19
COPEN 170
DATAPROTECT 168
PE 85

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u r-Regolament (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 għall-fini tal-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mill-10 sal-11 ta' April 2024)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (S&D, ES), ippreżenta, f'isem il-Kumitat LIBE, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 21) għall-proposta għal Regolament msemmija hawn fuq, li għaliha Birgit SIPPEL (S&D, DE) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fl-10 ta' April 2024, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 21) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0182

Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali - Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PE700.426

Risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/816 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u r-Regolament (UE) 2019/818 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 għall-fini tal-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni (COM(2021)0096 – C9-0088/2021 – 2021/0046(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0096),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 74, l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, punt (d), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0088/2021),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi ġuridika proposta,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3), l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d) u l-Artikolu 87(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' Frar 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 40 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-

0148/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-10 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 għall-fini tal-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), u l-Artikolu 87(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

Billi:

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/... **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²⁺ jipprevedi għall-identifikazzjoni jew għall-verifika tal-identità, kontrolli tas-sigurtà, **kontrolli preliminari** tas-saħħa **u kontrolli preliminari tal-vulnerabbiltà** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **fil-fruntieri esterni jew fit-territorju tal-Istati Membri li ma jkunux ġew soġġetti għal verifiki fuq il-fruntiera fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri, kif ukoll ta' daww iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntieri jew fiż-żoni ta' tranżitu, mingħajr ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**³. Ir-Regolament (UE) 2024/...⁺⁺ jgħid li jipprevedi regoli uniformi li jippermettu identifikazzjoni jew verifika rapida tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u r-riferiment tagħhom għall-proċeduri applikabbli. **Huwa għandu l-għan li jsaħħaħ il-kontroll taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni u li jipprevedi għall-konsultazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni u bażijiet tad-data rilevanti tal-UE sabiex jiġi vverifikat jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar jistgħux ikunu ta' theddida għas-sigurtà interna.**

² Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u **(UE) 2019/817 (ĠU L 2024/..., ..., ELI: ...)**.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu, ir-referenza tal-ĠU u r-referenza tal-ELI ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

³ **Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).**

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

- (2) Ir-Regolament (UE) 2024/...⁺ jipprevedi li *il-verifika ta' persuni soġġetti għall-iskrinjar* għall-finijiet ta' sigurtà għandha titwettaq mal-istess sistemi bħal dawk tal-applikanti għal viżi jew għal awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar skont is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (*ETIAS*). B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2024/...⁺ jipprevedi li d-data personali tal-persuni sottomessi għall-iskrinjar tiġi kkontrollata f-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN) stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ fir-rigward ta' persuni kkundannati b'rabta ma' reati terroristiċi *jew* reati kriminali serji *oħra*.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).

- (3) L-aċċess għall-ECRIS-TCN huwa neċessarju għall-awtoritajiet tal-iskrinjar definiti fir-Regolament (UE) 2024/...⁺ sabiex jistabbilixxu jekk persuna **tistax** tkun ta' theddida għas-sigurtà interna **■**.
- (4) ***Hit indikata mill-ECRIS-TCN jenħtieġ li waħedha ma titqiesx li tfisser li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat kif definit fir-Regolament (UE) 2019/816 ikun ġie kkundannat fl-Istati Membri li huma indikati. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' kundanni preċedenti tkun ikkonfermata biss abbażi ta' informazzjoni riċevuta mir-rekords kriminali tal-Istati Membri kkonċernati.***

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

- (5) Ir-Regolament (UE) 2024/...⁺ jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen rigward il-fruntieri u jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008⁵, (UE) 2017/2226⁶, (UE) 2018/1240⁷ u (UE) 2019/817 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**⁸, li jikkostitwixxu wkoll żviluppi tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen rigward il-fruntieri, biex jingħataw drittijiet ta' aċċess għall-finijiet tal-iskrinjar għad-data li tinsab fis-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS), **fis-Sistema** ta' Dħul/Ħruġ (EES) u **fl-ETIAS** ~~li~~. Madankollu, l-emenda parallela tar-Regolament (UE) ~~li~~ 2019/816 biex jingħataw drittijiet ta' aċċess għall-finijiet tal-iskrinjar għad-data li tinsab fl-ECRIS-TCN ma setgħetx tkun parti mir-Regolament (UE) 2024/...⁺ minħabba raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli, billi r-Regolament (UE) 2019/816 ma jikkostitwix żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. **Ir-Regolament** (UE) 2019/816 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat b'att legali separat.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, ~~p. 60~~).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Infurmazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' infurmazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

- (6) Ir-Regolament (UE) 2024/...⁺ jipprevedi regoli speċifiċi dwar l-identifikazzjoni jew il-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' konsultazzjoni tar-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("**CIR**") stabbilit ***bir-Regolamenti*** (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ sabiex jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni ***jew il-verifika tal-identità korretta*** tal-persuni rreġistrati fl-EES, fil-VIS, fl-ETIAS, fl-Eurodac u fl-ECRIS-TCN, inklużi persuni mhux magħrufa li ma jistgħux jidentifikaw lilhom infushom.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

⁹ ***Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).***

- (7) Billi l-aċċess għad-data maħżuna ***fis-CIR*** għall-finijiet ta' identifikazzjoni ***jew verifika tal-identità*** huwa neċessarju għall-awtoritajiet tal-iskrinjar, ir-Regolament (UE) .../...⁺ jemenda r-Regolament (UE) 2019/817. Minħabba raġunijiet ta' ġeometrija varjabbli ma kienx possibbli li jiġi emendat r-Regolament (UE) 2019/818 fir-Regolament (UE) .../...⁺, billi r-Regolament (UE) 2019/818 ma jikkostitwixxix żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. Ir-Regolament (UE) 2019/818 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat b'att legali separat.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

- (8) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jippermetti lill-awtoritajiet tal-iskrinjar jaċċessaw id-data li tinsab fl-ECRIS-TCN jew fis-CIR għall-finijiet ta' identifikazzjoni jew verifika tal-identità u l-kontrolli tas-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) 2024/...⁺, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

- (9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness *mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*, id-Danimarka mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni *tar-Renju Unit u l-Irlanda* fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness *mat-TUE u mat-TFUE*, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) 2019/816

Ir-Regolament (UE) 2019/816 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(f) il-kondizzjonijiet li bihom *id-data fl-ECRIS-TCN tista' tintuża mill-awtoritajiet tal-iskrinjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁺ *għall-fini tat-twettiq ta' kontroll ta' sigurtà sabiex jiġi vvalutat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna kif imsemmi fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament.*

^{*} Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (**ĠU** L 2024/..., ..., ELI: ...).";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu, ir-referenza tal-ĠU u r-referenza tal-ELI ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

(2) *fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:*

"(d) jippermetti l-aċċess għall-ECRIS-TCN għall-fini li jingħata appoġġ għat-twettiq ta' kontroll ta' sigurtà stabbilit mir-Regolament (UE) 2024/...⁺."

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(3) Fl-Artikolu 3, il-punt (6) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(6) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet ċentrali, l-Eurojust, il-Europol, l-UPPE, l-awtoritajiet maħtura tal-VIS kif imsemmi fl-Artikolu 9d u fl-Artikolu 22b(13) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, u l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-awtoritajiet tal-iskrinjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/...⁺, li għandhom il-kompetenza li jaċċessaw l-ECRIS-TCN jew ifittxu fiha f'konformità ma' dan ir-Regolament;"

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) *fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(c) marka li tindika, għall-fini *tar-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u* (UE) 2018/1240 u *tal-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2024/...* ⁺, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ġie kkundannat *fil-25 sena preċedenti b'reat* terroristiku jew *fil-15-il sena preċedenti bi kwalunkwe* reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ikun punibbli **■**-b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin *skont il-liġi nazzjonali, inkluż* il-kodiċi tal-Istat Membru tal-kundanna.";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(b) *fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:*

"(c) *l-awtoritajiet tal-iskrinjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/...⁺, għall-fini li jiġi vvalutat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna fejn jiġu rrappurtati hits wara li jsir il-kontrolli ta' sigurtà msemmi fl-Artikoli 15 u 16 ta' dak ir-Regolament.*";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(5) Fl-Artikolu 7(7), *jiddaħħal il-punt li ġej*:

"(e) *appoġġ għall-objettiv ta'* valutazzjoni ta' jekk ċittadin ta' pajjiż terz soġġett *għal kontroll ta' sigurtà jistax ikun* ta' theddida ■ għas-sigurtà *interna*, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/...⁺.";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 7c

Użu tal-ECRIS-TCN għall-finijiet tal-iskrinjar

L-awtoritajiet ***tal-iskrinjar, kif definiti*** fl-Artikolu 2, ***il-punt (10)***, tar-Regolament (UE) 2024/...⁺, għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jfittxu d-data ***tal-ECRIS-TCN*** bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom mill-Artikolu 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2024/...⁺.

Għall-fini tat-twettiq ta' tali kompiti, l-awtoritajiet ***tal-iskrinjar, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/...⁺***, għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw biss dawk ir-rekords ta' data tal-ECRIS TCN fis-CIR li tkun żdiditilhom marka f'konformità ***mal-Artikolu 5(1), il-punt (c)***, ta' dan ir-Regolament.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

Fil-każ ta' hit, il-konsultazzjoni tar-rekords kriminali nazzjonali bbażati fuq id-data mmarkata tal-ECRIS-TCN għandha sseħħ f'konformità mal-liġi nazzjonali u bl-użu ta' mezzi nazzjonali ta' komunikazzjoni. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ***tal-Istat Membru tal-kundanna*** għandhom jipprovdu opinjoni lill-awtoritajiet ***tal-iskrinjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/...***⁺, ***dwar jekk il-presenza ta' dik il-persuna fit-territorju tal-Istati Membri tistax tkun ta' theddida għas-sigurtà interna***, fi żmien jumejn minn meta jseħħ l-iskrinjar fit-territorju tal-Istat Membru jew fi żmien ***tlett*** ijiem minn meta jseħħ l-iskrinjar fil-fruntieri esterni. ***Meta l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru tal-kundanna ma jipprovdux tali*** opinjoni ***f'dawk*** l-iskadenzi, għandu jkun mifhum li ma hemmx raġunijiet ta' sigurtà li jridu jitqiesu. ***Ir-rekords kriminali nazzjonali għandhom jiġu kkonsultati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru tal-kundanna qabel ma tingħata opinjoni lill-awtoritajiet tal-iskrinjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/...***⁺. ***Meta, wara hit, ma tkun ingħatat l-ebda opinjoni u ma jkun hemm l-ebda raġuni ta' sigurtà li trid titqies, dak in-nuqqas ta' opinjoni u raġunijiet ta' sigurtà għandhom jiġu rreġistrati fil-formola tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2024/...***⁺.";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(7) Fl-Artikolu 24(1), l-ewwel *subparagrafu, jiżdied il-punt* li ġej:

"(d) *l-appoġġ tal-oġġettiv li jiġi vvalutat jekk ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għall-kontroll ta' sigurtà jistax ikun ta' theddida għas-sigurtà interna, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/...⁺.*"

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

Artikolu 2
Emendi għar-Regolament (UE) 2019/818

Ir-Regolament (UE) 2019/818 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2 L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jużaw l-ESP biex ifittxu data relatata ma' persuni jew mad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom fis-sistemi ċentrali tal-Eurodac u tal-ECRIS-TCN f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom kif imsemmi fl-istrumenti legali li jirregolaw lil dawk is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u fil-liġi nazzjonali. Dawk għandhom jużaw ukoll l-ESP biex ifittxu fis-CIR f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont dan ir-Regolament għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 20, 20a, 21 u 22.";

(2) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. "CIR, li johlq fajl individwali għal kull persuna li tiġi rreġistrata fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac jew l-ECRIS-TCN li fiha d-data msemija fl-Artikolu 18, huwa stabbilit għall-fini ta' ffaċilitar u ta' assistenza fl-identifikazzjoni jew il-verifika tal-identità korretta tal-persuni rreġistrati fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, il-Eurodac u l-ECRIS-TCN f'konformità mal-Artikolu 20 u 20a, biex jiġi appoġġat il-funzjonament tal-MID f'konformità mal-Artikolu 21 u għall-faċilitazzjoni u l-issimplifikar tal-aċċess mill-awtoritajiet maħtura u mill-Europol għall-EES, il-VIS, l-ETIAS u l-Eurodac, fejn dan ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra skont l-Artikolu 22.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fejn ikun teknikament impossibbli, minħabba nuqqas tas-CIR, li ssir tfittxija fis-CIR għall-fini ta' identifikazzjoni ta' persuna skont l-Artikolu 20 jew ta' identifikazzjoni jew verifika tal-identità ta' persuna skont l-Artikolu 20a, għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli skont l-Artikolu 21 jew għall-finijiet tal-prevenzjoni, detezzjoni jew investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra skont l-Artikolu 22, l-utenti tas-CIR għandhom jiġu notifikati mill-eu-LISA b'mod awtomatizzat.";

(3) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3 L-awtoritajiet li jaċċedu għas-CIR għandhom jagħmlu dan f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont l-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u skont il-liġi nazzjonali u f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess tagħhom skont dan ir-Regolament għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 20, 20a, 21 u 22.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 20a

Aċċess għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità ***għall-identifikazzjoni jew il-verifika tal-identità*** skont ir-Regolament (UE) 2024/...⁺

1. It-tfittxijiet fis-CIR għandhom jitwettqu ***mill-awtoritajiet*** tal-iskrinjar ***—, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***⁺⁺, biss għall-fini ta' identifikazzjoni jew verifika ***■*** tal-identità ta' persuna skont l-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament, sakemm ***il-proċess ikun inbeda*** fil-preżenza ta' dik il-persuna.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u referenza tal-ĠU u r-referenza tal-ELI ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

2. Meta t-tfittxija tindika li d-data dwar dik il-persuna tkun inħażnet fis-CIR, l-awtoritajiet ***tal-iskrinjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (10), tar-Regolament (UE) 2024/...***⁺, għandu jkollhom aċċess biex jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikolu 18(1) ta' dan ir-Regolament ***kif ukoll id-data msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

* Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (***ĠU*** L 2024/..., ..., ELI: ...).";

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 20/24 (2020/0278(COD)).

(5) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej :

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/816, l-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-data fis-CIR f'konformità mal-paragrafi 2, 2a, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-data skont l-Artikolu 20a fis-CIR. Dawk ir-reġistrazzjonijiet għandhom jinkludu **li ġej**:

(a) l-Istat Membru li jkun qed iniedi t-tfittxija;

(b) l-iskop tal-aċċess tal-utent li jagħmel tfittxija permezz tas-CIR;

- (c) id-data u l-ħin tat-tfittxija;
 - (d) it-tip ta' data użata għat-tnedija tat-tfittxija;
 - (e) ir-riżultati tat-tfittxija.";
- (c) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jżomm reġistrazzjonijiet tat-tfittxijiet li l-awtoritajiet tiegħu u l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet debitament awtorizzati li jużaw is-CIR jagħmlu skont l-Artikoli 20, 20a, 21 u 22. Kull aġenzija tal-Unjoni għandha żżomm reġistrazzjonijiet ta' tfittxijiet li l-persunal debitament awtorizzat tagħha jagħmel skont l-Artikoli 21 u 22.".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President